# Il-Gnien tal-Milorda...mill-Editur

F'tarf il'hemm mill-Furjana, ihares fuq il-Port ta' Marsamxett insibu l-Gnien tal-Milorda, kif inhu l-aktar maghruf. L'isem proprju huwa ta Sa Maison, kif ghadu msejjah sal-lum, origina mill-isem tal-Kav. Caille Maison, li ghal diversi snin ghamel minnu uzu ghad-delizzju tal-kacca..Filwaqt, li l-isem kif maghruf, dak tal-Milorda origina mis-Sinjura Julia Lockwood, li ghexet f'dan il-gnien bejn l-1842 u l-1856.
Fil-bidu tas-snin taht Hakma Ngliza, kemm l-Argotti u kemm San Maison kienu mikrija lill-privat, fejn dawn ta l-ahhar kellhom jassumu r-responsabilta li jiehdu hsieb il-hsarat li jsirulhom.
Wara tmien snin, ta kera minn sena ghal sena,ghas-somma ta Lm40 fis-sena, saru arrangamenti li l-kera tizdied b'£10 ohra, u fuq talba tas-Sinjura Lockwood li l-kuntratt isir fuq bazi ta sitt snin..B'hekk il-Milorda setghet tassigura ruhha aktar fis-sod li dan il-gnien, flimkien mad-dar kienu ser jibqghu ghandha, u anke ghand uliedha.Din it-talba ma ntlaqghetx, u kien fis-sena 1852 li giet mitluba biex thalli d-dar u kollu ta madwarha.
Kien hawn li s-Sinjura Lockwood appellat u minghajr success kienet mgharrfa li l-Gvern kellu kull dritt li jirrestawra l-gnien u jikkonvertih ghal skop Militari. Kien ghalhekk fis-sena 1853, li s-Sinjura Lockwood appellat lil Gvern, titlob ghal kumpens tal-ispejjez li kienet ghamlet, kemm fil-gonna bi thawwil ta'sigar u fjuri, f'bini ta hitan u tqeghid ta bankijiet godda, kif ukoll ta l-arrangamenti tad-dar u bini ta kamra addizjonali biex tkun tista tilqa lil familja taghha ahjar.



Fl-istess ittra, miktuba fit-12 ta' Frar 1853, is-sinjura Lockwood ghamlet talba ta £500 ghal dawn l-ispejjez, talba li ma ntlaqghetx tajjeb, fejn lilha giet offruta s-somma ta £100. Dan il-kaz gie ghalhekk imtawwal sas-sena 1856, u kien hawn li l-Milorda kellha ccedi l-gnien u d-dar ghal Militar.Ghal hafna snin wara li kienet telqet, in-nies baqghu japprezzaw hafna ix-xoghol li kienet ghamlet fih, u kien ghalhekk li l-isem tal-Milorda baqa maghruf u ghadu sal-lum.

Ritratt bil-kollaborazzjoni ta' Dun Guzepp Borg Micallef